# LILL-BAJJA TA' SAN TUMAS

Qajla fil-ħemda ta' lejla sajfija,
Hemm qalb il-wileġ biswit San Tumas,
Tinżel ix-xemx u tixgħel ħamranija
L-għolja, u warajha togħdos kollha ngħas.

U ġewwa l-għabex imżewwaq b'elf dija,
Bħal ikun wasal il-ħin ta' l-għarrâs,
Isqra fil-għoli jduru geġwiġija,
Friefet egħfiered iħufu bla ras.

Hekk kont ħlomtok San Tumas fit-tfulija,
Meta f'għajnejja ċkejknin kont għożżejtek,
U ġrejt f'kull għalqa, tqallibt f'kull ħamrija.

Dort ma' kull radda qalb qarsu w għollieq.
San Tumas ibqa' kif darba ħabbejtek
Meta f'żiffitek fhimt nifs il-Ħallieq.

RAYMOND VELLA